# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Maħluf Nru: 753/2019**

***PATRICK PACE***

***VS.***

***ANGELA ALLEN***

**Il-Qorti:**

1. Rat li fuq talba tal-konvenuta Angela Allen, din il-qorti kienet waqt is-seduta tal-24 ta' Settembru, 2021, tat digriet li permezz tiegħu ħelset lill-konvenuta mill-ħarsien tal-ġudizzju skont l-**artikolu 199(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u dan minħabba li ħadd mill-attur jew mill-avukati tiegħu ma kienu dehru għas-seduta, wara li huma kienu ġew imsejħa tliet darbiet;;

2. Tqis li mid-data tal-24 ta' Settembru, 2021 sal-lum għaddew aktar minn tliet xhur, u f'dan iż-żmien l-attur ma ressaqx rikors taħt l-**artikolu 199(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex din il-kawża tiġi mqiegħda mill-ġdid fuq il-lista tal-kawżi attivi;

**Għaldaqstant ladarba għaddew it-tliet xhur imsemmija fl-artikolu 199(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-qorti qiegħda ttenni d-digriet tagħha tal-24 ta' Settembru, 2021 dwar il-ħelsien tal-konvenuta Angela Allen mill-ħarsien tal-ġudizzju u fl-istess**

**waqt qiegħda tieqaf milli tqis aktar din il-kawża u b'hekk tordna lir-reġistratur sabiex ineħħiha għalkollox minn fuq il-lista tal-kawżi attivi.**

**Digriet mogħti llum, nhar it-Tnejn, 27 ta' Diċembru, 2021.**

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**